# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 15 ta' April 2018
It-III Ħadd tal-Għid
Sena B

**Introduzzjoni**
F'dan it-Tielet Ħadd tal-Għid il-liturġija tistedinna sabiex nimtlew b'tama sħiħa għal jum il-qawmien tagħna mill-imwiet.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Atti 3, 13-15.17-19)
Il-ħniena ta' Alla hija miftuħa għal kulħadd.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 4)
Ixħet fuqna, Mulej, id-dawl ta' wiċċek
*jew*
Hallelujah, hallelujah, hallelujah

**It-Tieni Qari** (1 Ġw 2, 1-5a)
Li tagħraf lil Ġesù jfisser li tħobbu u tidħol f'rabta miegħU.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Lq 24, 35-48)
L-appostli kienu tqal fil-fidi fi Kristu Rxoxt, iżda huma kellhom il-missjoni li jipproklamaw dan il-misteru hekk kbir.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Kull darba li noffru l-ħidmiet tagħna fl-Ewkaristija, Alla jġedded l-għotja tiegħU għalina.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Li nagħrfu lil Kristu jfisser li nħalluh jidħol fina u jibdel il-qalb tagħna. It-tqarbin joffrilna din l-opportunità hekk għażiża.
Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.